MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Numru 226/2006

**IL-PULZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**

**VS**

**PAUL PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Portelli , ta’ 45 sena, bin Lino u Joan imwielda Bartolo, imwieled Lija nhar il-31 ta’ Mejju, 1960, u joqghod f’numru 26, Triq iz-Zabbarija, Siggiewi, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 432560 (M);

Akkuzat talli nhar is-6 ta’ Marzu, 2006, ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ fil-ghodu, u fil-gimghat qabel id-data, f’San Giljan, u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. B’eghmil zieni, ikkorrompa lil Melanie Galea, minuri ta’ sittax-il sena, liema reat gie kommess b’qerq;

2. U kif ukoll talli offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Wara li rat l-Artikolu 203 u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Rat l-Artikolu 392 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk *ai termini* tal-istess Artikolu, minhabba l-ammissjoni tal-imputat hawn fuq indikata, din il-Qorti giet ikkonvertita ghal wahda ta’ gudikatura kriminali.

Rat il-fedina penali netta tal-imputat;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur tiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shin mal-pulizija fl-investigazzjoni;

Rat l-Artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-piena.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin, *ai termini* tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, taht supervizjoni ta’ Ufficjal tal-*Probation ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------